**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Lulju, 2022**

**Talba Nru: 67/2021MD**

**Edwina Bonello (522953M)**

**Vs**

**Luke Caruana (211794M)**

**Omar Caruana (30477M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Frar, 2021[1] permezz ta' liema l-attrici talbet li l-konvenuti jigu dikjarati debituri fis-somma ta' tlett elef, hames mija, erbgha u tletin Ewro u zewg centezimi (€3,534.02) rapprezentanti konsenja prodotti fuq inkarigu taghhom stess u jordna lil konvenuti ihallsu l-ammont dovut; bl-ispejjez, u l-interessi legali inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 52/2021.

Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentati fit-18 ta' Marzu, 2021[2] li eccepixxew s-segwenti:

1. Illi fir-rigward ta' Luke Caruana huwa jeccepixxi li hu ma huwiex il-legittimu kontradittur;
2. Illi bla pregudizzju ghal dan, l-intimati jecepixxu l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148 (a), (b), u/jew l-artikolu 2149 tal-Kap 16.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 6 *et seq* tal-process.

3. Illi minghajr pregudizzju ukoll t-talba ta' l-attrici hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

   Bl-ispejjez.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti li gew esebieti in atti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra l-affidavit prodott mill-attrici.

Ra s-sottomissjonijiet li ghamlu l-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

L-attrici ikkonsenjat prodotti fuq inkarigu ta' Luke Caruana u Omar Caruana li jiggestixxu l-istabiliment Zigumar Bar and Restaurant gewwa Triq il-Luzzu, San Pawl il-Bahar fl-ammont ta' tlett elef, hames mija, erbgha u tletin Ewro u zewg centezimi (€3,534.02).

Il-konvenut Luke Caruana eccepixxa li ma huwiex il-legittimu kontradittur, filwaqt li z-zewg konvenuti eccepew li tali talba hija preskritta u li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

**Provi prodotti**

Ra x-xhieda ta' **Luke Caruana**[3] li qal li huwa ma jafx min hi l-attrici Edwina Bonello. Spjega li llum-il gurnata hu u huh jiggestixxu hanut. Fir-rigward tad-dati mertu ta' din il-kawza u cioe' bejn l-2015 u l-2017 ma kienux bdew joperaw f'dan il-hanut. Huwa beda jopera fil-hanut imsemmi fid-29 ta' Mejju, 2017 u huh beda jopera mieghu fl-istess zmien. Dan il-hanut huwa *restaurant*. Sakemm l-ammonti imsemmija jirreferu ghall-ammonti li gew dovuti fis-snin 2015 u 2016 la hu u lanqas huh ma ghandhom ituhom u dan ghaliex dak iz-zmien ma kienux jiggestixxu r-*restaurant*. Hu qatt ma xtara xejn minghand Edwina Bonello. Qablu kien hemm huh joperah u huwa beda jopera mis-sena 2017.

Ra x-xhieda ta' **Omar Caruana**[4] fejn ikkonferma li huh beda jopera l-hanut fis-sena 2017. Huwa jaf lil Edwina Bonella u kien jixtri minghandha, u kien beda jixtri minghand l-istess, bejn wiehed u iehor fis-sena 2013, u waqaf jixtri minghanda fis-sena 2016. Inizjalment kienu joperaw *bar* imbaghad gie konvertit *f'restaurant* u kienu waqfu jixtru minghadha. Meta l-hanut kien *bar,* huh ma kellu l-ebda involviment. Il-*bar* kien gestit minnu u r-*restaurant* minn huh, u xi kultant imur sabiex jghinu. Fir-rigward tal-ammont mertu tal-kawza kien hemm xi dizgwid bejniethom, pero' huwa m'ghandux itihom u dan peress li kellhom xi *returns* li kienu tahomlom lura u dawn kellhom ikunu bizzejjed biex jaqtghu l-bilanc li kellu dovut, anzi qal li

[3] *A fol* 11 *et seq* tal-process; xhieda datata 24 ta' Mejju, 2021.
[4] *A fol* 13 *et seq* tal-process; xhieda datata 24 ta' Mejju, 2021.

kellu jiehu minghandha. Minn mindu ghalaq il-*bar* u kkonvertih *f'restaurant* forsi sema darbtejn minghand Bonello, u dawn kienu jkunu telefonati u qatt ma ltaqa' maghha.

Fil-kontro-ezami[5] il-konvenut Omar Caruana qal li huwa qatt ma ra lill-attrici qabel, u lanqas jaf persuna bl-isem ta' Edwina Bonello. Huwa ma ftakarx jekk l-*invoices* li hemm annessi mar-rikors promotur li qed jghid li huma preskritti. Meta saritlu referenza ghal-dokument fejn huwa kien ghadda pagament li ghamel fis-sena 2017, ma ftakarx li sar dan il-pagament, ghaliex kien hemm diversi persuni li marru ghandu jigbru xi flus. Kien hemm affarijiet li kellha tmur tiehu lura certu Tiziana Bonello, kien hemm xi bilancijiet pero' kien hemm xi *returns* li kellha tiehu lura izda hija qatt ma hadithom lura.

Ra x-xhieda ta' **Tiziana Bonello**[6] li spjegat li kienet tahdem ma Bonello General Merchants, li hija ta' ommha, Edwina Bonello. Huma kienu jfornu merkanzija lil Zigumar Bar and Restaurant, u kien halla kont pendenti. Il-fattura[7] kienet hargitha hija, u din il-fattura tinkludi kemm il-bilanc li kien ghadu dovut, kif ukoll pagamenti li kienu rcievew u kif ukoll *credit note* tal-merkanzija li kien irritorna. L-ahhar pagament kien dak li sar fil-21 ta' Lulju 2017 li kien gie migbur mir-rapprezentant taghhom li kien jismu Jason. Huma kienu jkellmu lil Omar Caruana biss u mhux lil haddiehor. Huma kienu ghamlu r-ricerki, dahlu fil-VAT number u kien irrizultalhom li kien hemm ukoll huh Luke Caruana involut. Il-kommunikazzjoni kienet issir ma Omar Caruana, u kienu sahansitra jmorru jieklu r-*restaurant* tieghu biex jippruvaw jilhqu ftehim madanakollu minkejja li kellu jhallashom, il-pagament baqa' qatt ma sar. Wara li marru jieklu x-xoghol min-naha taghhom waqaf jghaddi.

Fil-kontro-ezami[8] ikkoregiet ruhha u ghal persuna li rciviet l-ahhar pagament li fil-fatt kien inghata lill-impjegat taghhom Ivan Buhagiar. Spjegat li Bonello General Mechants ma hijiex kumpanija izda hija sole trader. Qalet li l-ahhar pagament kien ta' €300, bir-receipt number 2857. Kompliet tispjega li l-*credit notes* precedenti ghal dawn il-pagamenti jirraprezentaw ritorn tal-merkanzija. Jista jkun li dawn ir-*returns* gew rapprezentati minn *credit note* peress li nqatghu minn fuq l-*invoice* li jkunu gja hargu. Minn l-ahhar fattura ma jkunx jirrizulta l-ahhar *delivery* li wettqu jekk tkun imhallsa. Ma kienux baghtu la ittri ufficjali u lanqas ittri legalin qabel il-kawza odjerna pero' saret kommunikazzjoni ma Omar Caruana. Min-naha taghhom ma kienux jafu li l-hanut kien ser jaghlaq.

Ra x-xhieda u l-kontro-ezami ta' **Edwina Bonello**[9] li spjegat li Bonello General Merchants huwa n-negozju taghha u li x-xoghol dejjem hallietu f'idejn it-tifla taghha Tiziana Bonello. Spjegat li dak li taf huwa a bazi tal-fatturi li ghadditielha t-tifla.

Ra l-affidavit ta' **Ivan Buhagiar**[10] li spjega li kien jahdem ma Edwina Bonello fin-negozju taghha li kien jopera bl-isem Bonello General Mechants. Bhala parti minn xoghlu huwa kien dejjem jiehu hsieb is-*sales*, u gieli kien jaghmel *deliveries* ta' prodotti. Fost l-affarijiet li kienu jbieghu kien hemm xorb, inkluz xorb alkoholiku. Lill-intimati jafhom lit-tnejn li huma gewwa l-hanut Zigumar, Triq il-Luzzu, Qawra fiz-zmien li kien jahdem ma Bonello General Merchants. Kien jiehu l-ordnijiet li kienu jaghmlu, u anke jigbor pagamenti dovuti ghall-ordnijiet li kienu ghamlu huma stess. Fir-rigward tal-ircevuta kkonferma li kien gabar €300

[5] *A fol* 109 *et seq* tal-process, kontro-ezami datat 16 ta' Settembru, 2021
[6] *A fol* 18 *et seq* tal-process, datata 23 ta' Gunju, 2021.
[7] *A fol* 2 tal-process, anness mal-avviz.
[8] *A fol* 21 *et seq* tal-process.
[9] *A fol* 33 tal-process.
[10] *A fol* 35 tal-process.

minghand wiehed mill-intimati, ghaliex dejjem kien ikun wiehed minnhom it-tnejn li kien jaghmel il-hlas.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawza hija dwar flus ghal-konsenja ta' merca mghoddija mill-attrici lill-intimati fuq struzzjoni tal-intimati stess.

In linea preliminari l-konvenut Luke Caruana ta l-eccezzjoni li ma huwiex **il-legittimu kontradittur**.

Luke Caruana fix-xhieda tieghu qal li huwa ma jafx min hi l-attrici Edwina Bonello. Huwa kompla jghid li llum-il gurnata huwa u huh jiggestixxu il-hanut mertu tal-kawza. Qal li bejn is-sena 2015 u s-sena 2017 huma kienu ghadhom ma bdewx joperaw f'dan il-hanut. Kompla jghid li bejn wiehed u iehor huwa beda jopera fid-29 ta' Marzu 2017. Kompla jghid li qablu kien jopera huh.

Omar Caruana fix-xhieda tieghu qal hu kien waqaf jixtri minghand Edwina Bonello bejn wiehed u iehor fis-sena 2016. Zied jghid li illi l-ewwel il-post kien jopera bhala *bar* izda mbaghad kien gie konvertit ghal-*restaurant*. Zied jghid li meta l-hanut kien bar, huh ma kellu l-ebda involvement fih.

Ivan Buhagiar fl-affidavit tieghu qal li hu jaf liz-zewg konvenuti gewwa l-hanut taghhom Zigumar meta kien ghadu jahdem ma Bonello General Merchants.

Fix-xhieda taghha Tiziana Bonello[11] qalet li huma kienu jkellmu biss lil Omar Caruana u mhux lil haddiehor, u irrizultalhom li kien hemm terzi involuti wara li ghamlu r-ricerki u dahlu fil-VAT number, fejn it-terza persuna kienet Luke Caruana. Mill-fatturi pprezentati minn Tiziana Bonello it-tnejn li huma datati 18 ta' Mejju, 2016, il-firmatarju kien Luke Caruana.

Jirrizulta li ghalkemm mix-xhieda ta' Tiziana Bonello jidher li hi dejjem tkelmet mal-konvenut Omar Caruana, mill-affidavit ta' Ivan Buhagiar li kien imur fil-hanut fizikament jirrizulta illi huwa kien ikellem liz-zewg konvenuti u tant hu hekk li mill-fatturi prodotti jirrizulta li kien hemm merkanzija li ffirma ghaliha l-konvenut Luke Caruana stess. Ikkunsidra li min-naha tal-konvenut Luke Caruana, ma ngabet l-ebda prova dokumentarja sabiex jissosstanzja li hu ma kellu l-ebda sehem fin-negozju ghajr mis-sena 2017 'il quddiem.

Ghalhekk, it-Tribunal jichad din l-eccezzjoni preliminari.

It-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar it-tieni eccezzjoni prelimari tal-konvenuti u cioe' li l-**azzjoni attrici hija wahda preskritta a tenur tal-artikoli 2148 (a), (b) u/jew 2149 tal-Kodici Civili.**

L-artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi is-segwenti:

[11] *A fol* 18 *et seq* tal-process; datata 23 ta' Gunju, 2021.

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi,bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut.*

L-artikolu 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta'xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu:*

*(b) l-azzjonijiet tat-tobba, kirurġi, ostetriċi u spiżjara, għall-viżti jew operazzjonijiet li jagħmlu jew għall-mediċini li jfornu;*

*(ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;*

*(d) l-azzjonijiet tal-prokuraturi ad litem jew ta' prokuraturi oħra, jew mandatarji, għall-ħlas li jmisshom, għall-ispejjeż, li jagħmlu, għall-indennizz li jkollhom jieħdu għat-telf li jbatu, u għar-radd tal-flus li joħorġu minn tagħhom.Bidu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-avukati, eċċ.*

*(3) Fil-każ ta' drittijiet għal konsulti, u ta' drittijiet jew spejjeż għal ittri uffiċjali, protesti, mandati, rikorsi, jew atti oħra jew xogħol ieħor li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kawża li tkun miexja jew li tiġi mibdija fi żmien sentejn mill-jum tal-konsult, tal-att jew ta' xogħol ieħor, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni jibda minn dak il-jum.*

Artikolu 2151 tal-Kap 16 jipprovdi:

*(1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor.*

*(2) Iżda, f'kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn il-fornituri, kunsinni, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief bl-egħluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni.*

Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet *Raymond Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Ray Camilleri Marble Works Ltd. vs Anthony Scicluna personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' TSC Construction Limited*, deciza fit-28 ta' Jannar, 2004, fejn il-Qorti rriteniet li:[12]

*Dwar il-preskrizzjoni eccepita, li ma jidherx li giet attakkata mis-socjeta` attrici bhala inammissibbli, jinsab ritenut mill-konvenut nomine illi din l-istess preskrizzjoni ma gietx interrotta b' att gudizzarju u kwalsiasi komunikazzjoni verbali bejn il-partijiet ma sservix biex tinterrompi l-preskrizzjoni li tkun miexja. Da parte taghha s-socjeta` attrici tikkontendi illi c-cheque datat 21 ta' Mejju 1993 (fol. 41) emess mis-socjeta` konvenuta jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-debitu. Rikonjizzjoni li skond l-istess socjeta` attrici baqghet tippersisti anke ghal zmien ulterjuri wara meta irrizulta li c-cheque ricevut ma ssarrafx minhabba nuqqas ta' fondi fl-akkont. Sond l-versjoni ta' l-attur, mhix zmentita jew b' xi mod kontrastata, "wara illi limsemmi cheque ma giex onorat, jiena mort inkellem lil Anthony Scicluna kemm-il darba, kien jghidli dejjem biex niehu pacenzja, u qalli li kien lest jaghmilli garanzija b' xi proprjeta` li huwa kellu l-Wardija" (fol. 46);*

*Fuq dan il-punt il-konvenut nomine jikkontendi zewg affarijiet fin-Nota ta' sottomissjonijiet tieghu u cjoe`:*

*(a) Li fir-rigward tieghu personalment dan ma jinterrompix il-preskrizzjoni;*

*(b) Anke jekk talvolta jigi accettat li c-cheque kien jammonta ghall-interruzzjoni xorta jigi li bejn id-data ta' l-emissjoni tac-cheque u l-prezentata ta' l-azzjoni, kienu skorrew aktar minn sentejn;*

*Kwantu ghall-ewwel aspett ta' dak sostenut mill-konvenut wiehed necessarjament jifhem illi dak li qed jippretendi l-konvenut hu l-fatt illi gjaladarba c-cheque inhareg mis-socjeta` tieghu u mhux minnu personalment allura dan listess cheque ma jservix ta' interruzzjoni fil-kaz ta' l-ammont pretiz minghandu personalment. Evidentement, il-konvenut meta jghid jew jahseb dan donnu qed jinsa dak dispost fl-Artikolu 1148 (2) tal-Kodici Civili fir-rigward ta' hlas li jsir minn terza persuna biex tissodisfa d-debitu ta' min hu obbligat ghal hlas. (Ara Kollez. Vol. XLIX P II p 681). Konsegwentement dak ic-cheque mahrug mill-kumpanija biex jissodisfa wkoll dik il-parti tal-kreditu dovuta minnu personalment ghandha wkoll titqies bhala rikonoxximent u allura ta' interruzzjoni; Kopja Informali ta' Sentenza Pagna 6 minn 8 Qrati tal-Gustizzja Kwantu ghat-tieni aspett huwa qabel xejn pacifiku kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi r-rikonjizzjoni taddebitu tista' tkun prezunta jew indiretta dedotta minn fatt konkludenti, inkompatibbli mal-volonta` tal-kontestazzjoni tad-dritt tal-kreditur (Pugliese, "Prescrizione Acquisitiva" para. 277). Dippju lanqas ma hu mehtieg li r-rikonjizzjoni tkun tal-kwantita` kollha dovuta (Fadda, "Gurisprudenza Kod. Civ. Ital. Art. 2129 para. 46) u tista' tirrigwarda wkoll kreditu illikwidu bhal fil-kaz li d-debitur jipprometti li jhallas jekk id-dejn tieghu jigi pruvat. Ara Kollezz. Vol. XXVI P II p 13; Vol. XLV P II p 632; "Victor Calleja nomine -vsNazzareno Vassallo et nomine", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;*

[12] Citazzjoni nru. 1865/1996/1, Qorti Civili Prim'Awla, Onor. Imħallef Philip Sciberras.

Il-Qorti kompliet li:

> *Dan premess, ma ghandux ikun dubitat illi l-emissjoni tac-cheque jissarraf f'rikonoxximent car, esplicitu u inkondizzjonat tad-debitu. Rikonoxximent li kapaci jinterrompi l-preskrizzjoni eccepita;*
>
> *Issa l-konvenut filwaqt li donnu jaghraf dan jissokta jsostni illi wara dan ir-rikonoxximent rega' beda jiddekorri terminu gdid ta' preskrizzjoni u ghalhekk xorta wahda lazzjoni attrici tinsab preskritta gjaladarba ddekorrew tliet snin u ghaxart ijiem mid-data tal-hrug tac-cheque (21 ta' Mejju 1993) sad-data ta' l-intavolar tal-kawza (31 ta' Mejju 1996);*
>
> *Din il-Qorti ma tikkondividix dan l-argoment u jidher li ghal darba ohra l-konvenut ikollu jigi mfakkar f' dak ritenut flArtikolu 2151 (2) tal-Kodici Civili. Din id-disposizzjoni effettivamnet tipprovdi illi fejn il-kreditu ghal xoghlijiet jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief b' gheluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni;*

Il-Qorti kompliet illi:

> *Fid-dritt Ruman jidher li accettazzjoni u rikonoxximent bhal dan jittraduci ruhu fl-azzjoni denominata "actio constitutae poecuniae", fundata fuq il-patt ("constitutum") li bih wiehed jobbliga ruhu li jhallas dak li ghandu jhallas hu jew haddiehor, bi kwalunkwe titolu, anke fejn l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun incert. Jghid il-Pothier illi "per contrarre il costituto bisogna che le parti siano d' accordo". Ara fuq din it-tematika d-decizjoni a Vol. XLIII P II p 744. Riportat ghal kaz de quo huwa innegabbli illi bil-fatt tal-hrug tac-cheque, anke jekk dan baqa' ghal ragunijiet ohra, ma ssarrafx, dan kien jammonta ghal manifestazzjoni cara ta' konvenzjoni vera u proprja li biha l-konvenut proprio et nomine kien qed jistqarr li huwa debitur versu s-socjeta` attrici, f' liema kaz issir applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali (Kollez. Vol. XXXIII P I p 142).*

Fil-kaz odjern l-attrici ipprezentat fattura li fiha jidhru li saru tminn transazzjonijiet bejn l-attrici u l-konvenuti. Id-deskrizzjonijiet tat-tminn trasazzjonijiet jinkludu xoghol li ghaddha lil konvenuti, *credit notes* li inghataw lil konvenuti, kif ukoll ricevuta ta' hlas li sar mill-konvenuti.[13] Sussegwentement Tiziana Bonello[14] spjegat li l-ahhar pagament li sar kien fil-21 ta' Lulju, 2017 liema pagament kien ingabar minn rapprezentant, liema ricevuta kienet tghid on acc.[15] Ipprezentat ukoll serje ta' fatturi u cioe':[16]

1. *Credit note* BGM 13000800, datata 31ta' Mejju, 2016, fl-ammont ta' €321.89;
2. *Credit note* BGM 13000882, datata 24 ta' Mejju, 2016, fl-ammont ta' €888.74;
3. *Cash Sale* BGM 14007050, datata18 ta' Mejju, 2016, fl-ammont ta' €434.29;
4. *Cash Sale* BGM 14007049, datata 18 ta' Mejju, 2016, fl-ammont ta' €2,247.16;
5. *Invoice* BGM 14003708, datata 15 ta' Settembru 2015, fl-ammont ta' €1,520.37;
6. *Cash Sale* BGM 14003650, datata 5 ta' Settembru, 2015, fl-ammont ta' €225.53.

[13] *A fol* 2 tal-process.
[14] *A fol* 21 *et seq* tal-process, kontro-ezami datat 8 ta' Lulju, 2021.
[15] *A fol* 26 tal-process.
[16] *A fol* 27 *et seq* tal-process.

Jirrizulta li minbarra zewg *credit notes* li nataw lill-istess konvenuti fis-sena 2016, l-ahhar pagament li ghadda mill-konvenuti kien fil-21 ta' Lulju, 2017 fis-somma ta' €300 akkont ta', lil Ivan Buhagiar.

Fl-affidavit tieghu Ivan Buhagiar qal:

> *Naghmel referenza ghar-ricevuta (numru 2857), kopja ta' liema qed tigi annessa, u nikkonferma li l-firma fuq ir-ricevuta ghan-nom ta' Bonello General Merchants hija tieghi. Din ir-ricevuta hija konferma li jiena dak in-nhar kont gbart tlett mitt euro minghand Luke Caruana jew minghand Omar Caruana. Kien dejjem xi hadd minnhom it-tnejn li ghamel il-hlas meta kont niehu hsieb il-kont ta' Zigumar. Jien qatt ma kelli x'naqsam ma' impjegati taghhom ghar-rigward ta' pagamenti.*[17]

La thallas l-ammont ta' €300 li kien akkont ta', huwa manifestazzjoni cara li l-konvenuti permezz taghha qed jistqarru li huma debituri versu l-attrici, f'liema kaz issir applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad it-tieni eccezzjoni preliminari.

It-Tribunal issa ser jghaddi sabiex jiddeciedi fuq il-mertu tal-kawza u cioe' jekk l-ammont reklamat ta' €3,534.02 mill-attrici huwiex dovut mill-konvenuti.

Ikkunsidra li l-attrici fix-xhieda taghha spjegat illi ghalkemm Bonello General Merchants huwa negozju taghha, hija dejjem hallietu f'idejn Tiziana Bonello li tigi t-tifla taghha.

Ikkunsidra l-*istatement* kif ukoll l-*credit notes, cash sales, invoice* u ricevuta pprezentatati.

Fix-xhieda tieghu Luke Caruana qal:

> *... sakemm dawn l-ammonti jirreferu ghall-ammonti li kienu gew dovuti fis-snin elfejn u hmistax (2015) u elfejn u sittax (2016) nghid li zgur li jiena u lanqas hija ma ghandna naghtihom u dan ghaliex sa dak iz-zmien ahna ma konniex niggestixxu dan ir-restaurant.*[18]

Mill-fatturi pprezentati jirrizulta car illi l-intimat Luke Caruana kien iffirma fuq zewg fatturi datati 18 ta' Mejju, 2016.

Fix-xhieda tieghu Omar Caruana qal:

> *...fir-rigward tal-ammont mertu tal-kawza kien hemm xi dizgwid bejnietna jiena madanakollu tal-posizzjoni li dan l-ammont m'ghandiex naghtih u dan peress li ahna kellna xi returna li tajnihom lura u allura dawn suppost kellhom ikunu*

[17] *A fol* 35 tal-process, raba' paragrafu tal-affidavit.
[18] *A fol* 11 tal-process.

*bizzejjed biex jaqtghu dak il-bilanc li kelli dovut. Anzi nghid li bhala bilanx x'aktarx li kelli niehu jiena minghadha u mhux hi tiehu minghandi.*

Fil-kontro-ezami huwa qal:

*Kien hemm xi affarijiet ukoll li kellha tigi tiehu lura u hi baqghet qatt ma giet tohodhom lura. Meta nghid hi fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena qed nirreferi ghal certu Tiziana Bonello… Niftakar li kien hemm bilancijiet pero' nghid li kien hemm xi returns li hi kella tiehu lura fil-fatt hi baqghet qatt ma hadithom lura kif diga xehedt.*[19]

Illi ghalhekk jirrizulta car illi la r-*returns* ma ghaddewx lura lil Tiziana Bonello, allura l-intimati huma kredituri tal-atturi. Ghalhekk dan it-Tribunal ser jghaddi sabiex jara l-fatturi pprezentati.

Ghalkemm fl-*istatement* jissemmew tminn transazzjonijiet, in-numru ta' fatturi pprezentati mill-attrici kienu sebgha u cioe':

1. Ricevuta *on acc*, datata 21 ta' Lulju, 2017, fl-ammont ta' €300;
2. *Credit note* BGM 13000800, datata 31ta' Mejju, 2016, fl-ammont ta' €321.89;
3. *Credit note* BGM 13000882, datata 24 ta' Mejju, 2016, fl-ammont ta' €888.74;
4. *Cash Sale* BGM 14007050, datata18 ta' Mejju, 2016, fl-ammont ta' €434.29;
5. *Cash Sale* BGM 14007049, datata 18 ta' Mejju, 2016, fl-ammont ta' €2,247.16;
6. *Invoice* BGM 14003708, datata 15 ta' Settembru 2015, fl-ammont ta' €1,520.37;
7. *Cash Sale* BGM 14003650, datata 5 ta' Settembru, 2015, fl-ammont ta' €225.53.

Mill-*cash sale* u *invoice* jirrizulta li meta x-xoghol gie mghoddi lil konvenuti, l-istess konvenuti iffirmaw fuq tali *invoices* izda l-*invoice* datata 5 ta' Settembru, 2015 bin-numru 14003649 ma gietx prezentata mill-attrici u ghaldaqstant l-ammont li l-konvenuti ghandhom jghaddu huwa l-ammont ta' €2,916.72.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' €2,916.72 filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, bl-imghax legali jibda jiddekorri mit-23 ta' Frar, 2021 sad-data tal-pagament effettiv.[20]

L-ispejjez tal-ittra ufficjali u tal-kawza jithallsu ¼ mill-attrici u ¾ mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

---

[19] *A fol* 16 *et seq* tal-process.
[20] Prezentata tat-talba.